



EMA/17796/2017  
EMEA/H/C/003737

### **Sommarju tal-EPAR għall-pubbliku**

---

## **Voriconazole Hikma**

### **vorikonażol**

Dan huwa sommarju tar-rapport pubbliku Ewropew ta' valutazzjoni (EPAR) għal Voriconazole Hikma. Dan jispjega kif l-Aġenzija vvalutat il-mediċina biex tirrakkomanda l-awtorizzazzjoni tagħha fl-UE u l-kondizzjonijiet ta' użu tagħha. Dan mhux intiż biex jipprovd konsultazzjoni prattika dwar l-użu ta' Voriconazole Hikma.

Għal informazzjoni prattika dwar l-użu ta' Voriconazole Hikma, il-pazjenti għandhom jaqraw il-fuljett ta' tagħrif jew jikkuntattjaw lit-tabib jew lill-ispiżjar tagħhom.

### **X'inhu Voriconazole Hikma u għal xiex jintuża?**

Voriconazole Hikma huwa mediċina antifungali li tintuża għall-kura ta' adulti u tfal li għandhom aktar minn sentejn li għandhom l-infezzjonijiet li ġejjin ikkawżati minn fungu:

- asperġillożi invażiva (tip ta' infezzjoni fungali kkawżata minn *Aspergillus*);
- kandidemja (tip ieħor ta' infezzjoni fungali kkawżata minn *Candida*) f'pazjenti li għandhom għadd normali ta' ċelloli bojod fid-demm;
- infezzjonijiet invażivi serji minn *Candida* meta l-fngu jkun reżistenti għal flukonażol (mediċina antifungali oħra);
- infezzjonijiet fungali serji kkawżati minn *Scedosporium* jew minn *Fusarium* (żewġ tipi differenti ta' fungu).

Meta jintuża għall-kura ta' infezzjonijiet fungali, Voriconazole Hikma huwa maħsub l-aktar għal pazjenti b'infezzjonijiet li jkunu qiegħdin jiggravaw u li jistgħu jkunu ta' periklu għall-ħajja.

Voriconazole Hikma jintuża wkoll biex jipprevjeni infezzjonijiet fungali f'pazjenti li jkun sarilhom trapjant ta' ċelloli staminali (tad-demm) ematopojeti (trapjant ta' tip ta' ċelloli staminali li jistgħu jiżviluppaw f'ċelloli tad-demm) u li jkunu friskju għoli ta' infezzjoni.



Voriconazole Hikma fih is-sustanza attiva vorikonażol. Huwa "mediċina ġenerika". Dan ifisser li Voriconazole Hikma huwa simili għall-'mediċina ta' referenza' digħi awtorizzata fl-Unjoni Ewropea (UE) bl-isem kummerċjali Vfend. Għal aktar informazzjoni dwar il-mediċini ġeneriċi, ara d-dokument ta' mistoqsijiet u tweġibet [hawnhekk](#).

## Kif jintuża Voriconazole Hikma?

Voriconazole Hikma huwa disponibbli bħala trab sabiex ikun magħmul soluzzjoni għal infużjoni (dripp) fil-vina. Jingħata darbtejn kuljum. Id-doża rrakkomandata ta' Voriconazole Hikma li għandha tingħata tiddeppendi skont il-piż tal-pazjent.

Il-pazjenti jridu jirċievu doża inizjali ogħla (doża tal-bidu) fl-ewwel jum. L-għan tad-doża ta' tagħbiha huwa li jintlaħqu livelli stabbli malajr fid-demm. Imbagħad wara d-doża tal-bidu tingħata doża ta' manteniment li tista' tiġi aġġustata skont ir-rispons tal-pazjent. Id-doża tista' tiżdied jew titnaqqas skont kif jirrispondi l-pazjent.

Kemm id-doża tal-bidu, kif ukoll id-doża ta' manteniment jingħataw b'infużjoni, iżda ladarba l-pazjenti jaraw titjib, it-tobba li jordnaw il-mediċina għandhom jikkunsidraw li jaqilbu l-pazjenti għal mediċina li fiha vorikonażol li tista' tingħata mill-ħalq.

Il-mediċina tista' tinkiseb biss b'rċetta tat-tabib.

## Kif jaħdem Voriconazole Hikma?

Is-sustanza attiva f'Voriconazole Hikma, il-vorikonażol, tagħmel parti mill-klassi "triażol" ta' mediċini antifungali. Din taħdem billi tipprevjeni l-formazzjoni tal-ergosterolu, li huwa parti importanti mill-ħitan taċ-ċelloli fungali. Mingħajr l-ergosterolu, il-fungu ma jkunx jista' jinfirex jew imut. Il-lista ta' fungi li Voriconazole Hikma huwa attiv kontrihom tinsab fis-sommarju tal-karatteristiċi tal-prodott (parti wkoll mill-EPAR).

## Kif ġie studjat Voriconazole Hikma?

Bħal kull mediċina oħra, il-kumpanija pprovdiet studji dwar il-kwalità tal-vorikonażol. Ma kienx hemm bżonn għal studji ta' 'bijoekwvalenza' biex jinvestigaw jekk vorikonażol huwiek assorbit similarn bħall-mediċina ta' referenza, Vfend, biex jiproduċi l-istess livell ta' sustanza attiva fid-demm. Dan minħabba li l-vorikonażol jingħata permezz ta' infużjoni fil-vina, għaldaqstant is-sustanza attiva tmur direttament fiċ-ċirkolazzjoni tad-demm.

## X'inħuma l-benefiċċji u r-riskji ta' Voriconazole Hikma?

Billi Voriconazole Hikma huwa mediċina ġenerika, il-benefiċċju u r-riskji tiegħu jitqiesu l-istess bħal dawk tal-mediċina ta' referenza.

## Għaliex ġie approvat Voriconazole Hikma?

Il-Kumitat għall-Prodotti Mediċinali għall-Użu mill-Bniedem (CHMP) tal-Aġenzija kkonkluda li, b'mod konformi mar-rekwiżiti tal-UE, Voriconazole Hikma wera li huwa komparabbi ma' Vfend. Għaldaqstant il-fehma tas-CHMP kienet li, bħal fil-każ ta' Vfend, il-benefiċċji huma akbar mir-riskji identifikati. Il-Kumitat irrakkomanda li Voriconazole Hikma jkun approvat għall-użu fl-UE.

## **X'miżuri qed jittieħdu biex jiġi żgurat l-użu sigur u effikaċi ta' Voriconazole Hikma?**

Ġie żviluppat pjan ta' ġestjoni tar-riskju li jiżgura li Voriconazole Hikma jintuża bl-aktar mod sigur possibbli. Abbażi ta' dan il-pjan, fis-sommarju tal-karatteristiċi tal-prodott u fil-fuljett ta' tagħrif ġiet inkluża informazzjoni rigward is-sigurtà ta' Voriconazole Hikma, fosthom il-prekawzjonijiet xierqa li għandhom jiġi segwiti mill-professjonisti tal-kura tas-saħħha u mill-pazjenti.

Aktar informazzjoni tinstab fis-[sommarju tal-pjan tal-ġestjoni tar-riskju](#).

### **Aktar tagħrif dwar Voriconazole Hikma**

Il-Kummissjoni Ewropea tat-awtorizzazzjoni għat-tqegħid fis-suq valida fl-Unjoni Ewropea kollha għal Voriconazole Hikma fis-27 ta' Mejju 2015.

L-EPAR shiħi u s-sommarju tal-pjan tal-ġestjoni tar-riskju għal Voriconazole Hikma jinstabu fis-sit elettroniku tal-Aġenzija: [ema.europa.eu/Find\\_medicine/Human\\_medicines/European\\_public\\_assessment\\_reports](http://ema.europa.eu/Find_medicine/Human_medicines/European_public_assessment_reports). Għal aktar informazzjoni dwar il-kura b'Voriconazole Hikma, aqra l-fuljett ta' tagħrif (parti wkoll mill-EPAR) jew ikkuntattja lit-tabib jew lill-ispiżjar tiegħek.

L-EPAR shiħi tal-mediċina ta' referenza jinstab ukoll fis-sit elettroniku tal-Aġenzija.

Dan is-sommarju ġie aġġornat l-aħħar f'01-2017.